MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 409/2002/1

**George Spiteri f'ismu personalment u f'isem u in rapprezentanza tad-ditta G. Spiteri & Sons Ltd.**

**vs**

**Marmista Limited u Joseph Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn George Spiteri f'ismu personalment u f'isem u in rapprezentanza tad-ditta G. Spiteri & Sons Ltd li peremzz taghha, wara li gie premess illi:

L-attur f'isem id-ditta tieghu, "G. Spiteri & Sons Ltd" attrici fuq imsemmija, kien ordna minghand id-ditta konvenuta magna ghal xoghol tal-irham msejha "Futura Tarus 100/8 S", u dana fl-4 ta' April tas-sena 2001;

Kien sar hlas ghall-istess ordni fl-4 ta' April tas-sena 2001 fl-ammont ta' hmistax-il elf lira maltin, (Lm15,000); u sussegwentement sar hlas iehor fid-9 ta' Lulju tal-istess sena, fl-ammont ta' sitta u sittin elf dollaru amerikan, (US 66,000);

Sar hlas iehor fil-15 ta' Jannar tas-sena 2002, u dana, kif dikjarat mill-konvenut, a saldu ta' kull bilanc dovut mill-atturi fuq l-ordni msemmija;

Sal-lum minkejja kull weghda tal-konvenut u d-ditta li jamministra, l-konsenja tal-istess magna, baqghet mhux konsenjata, u b'hekk il-konvenuti naqsu mill-obbligi kontrattwali taghhom;

Id-ditta estera li kellha tibghat l-istess magna CMG srl ta' Verona, qed tiddikjara li hija ghandha f'idejha biss akkont tal-prezz li kien kkonsenja l-attur innifsu f'Gunju tas-sena 2001. L-istess ditta tiddikjara li l-hlas ta' April baghtitu lura lid-ditta konvenuta kif mitlub mill-konvenut Azzopardi u li l-hlas ta' sitta u sittin lira, sterlina permezz ta' cekk fuq in-'NatWest Bank' ta' Islington f'Londra, kien baqa ma ssarrafx peress li konvenut kien ghalaq il-kont;

Il-konvenut Joseph Azzopardi qarraq bl-attur propju et nomine fin-negozju fuq imsemmi, meta pprezenta ruhu bhala agent tad-ditta estera meta fil-fatt ma huwiex, meta waqt li dejjem weghedu l-konsenja tal-magna, dina qatt ma waslet u meta l-flus li hallas lid-ditta konvenuta l-attur u kienu fdati f'idejn il-konvenut, qatt ma gew wzati biex jithallas il-prezz tal-magna;

Dan l-agir kollu tal-konvenut qed jikkawzaw lill-attur propju et nomine, danni 'ngenti' u minhabba n-nuqqas ta' konsenja tal-magna msemmija u minhabba li l-fondi mhallsa, gew misappropjati, waqt li l-attur ma jistax jadempixxi l-kuntratti marbut bihom u dipendenti fuq l-utilizz tal-istess magna.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti solidalment kissru l-ftehim mal-attur pro et noe, meta naqsu li jikkonsenjaw il-magna;

2. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment responsabbli ghan-nuqqas tal-konsenja tal-magna orndata mill-attur pro et noe;

3. Tiddikjara li l-attur pro et noe qed ibati danni mill-istess nuqqas responsabbilita tal-konvenuti;

4. Tillikwida d-danni tal-attur hekk sofferti;

5. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment responsabbli ghall-hlas lura lill-atturi, tal-flus kollha mhallsa ghall-prezz tal-magna, kif ukoll dik is-somma likwidata f'danni.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra l-konvenuti, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-ittra ufficcjali tad-19 ta' Ottubru tas-sena 2001 u dik ufficcjali wkoll tal-14 ta' Ottubru tas-sena 2002, kontra l-konvenuti, minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament illi l-konvenut Joseph Azzopardi proprio m'ghandu ebda relazzjoni guridika mal-atturi u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

L-eccipjenti ma hux responsabbli ghad-danni billi kien l-istess attur li holoq id-dizgwid meta beda jittratta direttament mad-ditta estera; b'dana kollu, l-eccipjenti isstitwixxa proceduri gudizzjarji fil-Qorti ta' Verona kontra d-ditta estera ghall-konsenja tal-magna ordnata jew ir-restituzzjoni tal-prezz imhallas.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Semghet xhieda viva voce.

Rat li, ghalkemm ghal zmien twil il-Qorti nghatat l-informazzjoni li l-partijiet kienu waslu ghal transazzjoni u l-kawza, baqghet qatt ma giet ceduta, ghalkemm il-konvenut xehed viva voce li kienet giet iffirmata skrittura ta' transazzjoni li l-Qorti qatt ma rat kopja taghha ffirmata.

Ghalhekk il-Qorti, f'dan ix-xenarju ser tghaddi biex tippronunzja s-sentenza taghha.

Permezz ta' din il-kawza, l-atturi qed jitolbu mill-konvenuti r-restituzzjoni ta' somma flus minnhom imhallsa fuq ordni ghax-xiri ta' magna ghal xoghol fl-irham. Il-konvenuti jwiegbu l-ewwelnett illi Joseph Azzopardi personalment m'ghandux x'jaqsam man-negozju. Isostnu inoltre li mhumiex responsabbli ghad-danni ghaliex li gara kien tort tal-attur li holoq dizgwid mad-ditta estera.

Mill-provi jirrizulta illi fl-4 ta' April 2001 George Spiteri, f'isem "G. Spiteri & Sons Ltd" ftiehem ma' Marmista Limited sabiex din iggiblu minghand socjetà Taljana magna tax-xoghol tal-irham. Il-prezz miftiehem kien ta' Lm52,000. Il-konsenja kellha ssir fi zmien 120 gurnata mid-data tal-ordni. Mal-ordni thallset is-somma ta' Lm15,000. Sussegwentement sar hlas iehor ta' $66,000, ekwivalent dak iz-zmien ghal Lm31,095 u sar hlas finali ta' Lm4828 fil-15 ta' Jannar 2002. Dawn il-pagamenti huma kollha dokumentati u indiskussi (ara dok. a fol. 11 et seq). Il-magna baqghet ma giet konsenjata qatt. Jirrizulta wkoll illi d-ditta estera li minghandha kienet ser

tingieb il-magna irceviet l-ordni minghand is-socjetà konvenuta fit-12 ta' April 2001. Ma din l-ordni sar hlas akkont ta' Lit. 71 miljun. Erbat ijiem wara Marmista Ltd, hassret l-ordni u talbet lis-socjetà Taljana tirrifondi l-hlas li kien ga sar. Din hekk ghamlet u fid-19 ta' April 2001 fuq ordni tal-istess Joseph Azzopardi ghal Marmista Limited, iddepozitat il-flus f'kont bankarju. Dan huwa kollu dokumentat (ara fol. 85 et seq.). Fit-22 ta' Gunju 2001 saret ordni ohra minn Joseph Azzopardi lis-socjetà Taljana. Sadanittant, l-atturi spiccaw biex hallsu l-prezz kollu li, madankollu ma giex mghoddi lis-socjetà Taljana li rrifjutat li tikkonsenja l-magna meta ma kienetx thallset. Tul dan il-perjodu Joseph Azzopardi tal-Marmista kien iforni lill-attur kopji ta' ricevuti rigwardanti hlasijiet lis-socjetà Taljana. Id-direttur tal-istess socjetà, li kien prezenti f'Malta u xehed viva voce quddiem l-Assistent Gudizzjarju, sostna li dawn id-dokumenti kienu foloz.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hija moralment konvinta li l-hlasijiet saru kollha kif allegat mill-atturi u li, galadarba l-konvenuti baqghu ma onorawx l-obbligu taghhom kif assunt fil-ftehim tal-4 ta' April 2001, il-hlasijiet kollha ghandhom jigu lilhom rifuzi.

Ir-rikorrenti qeghdin ukoll jirreklamaw danni. George Spiteri jixhed li d-ditta tieghu kienet giet bzonn il-magna mertu tal-kawza wara li kienet rebhet tender fl-Isptar Mater Dei. Fi kliem George Spiteri:

> *"It-tender kien jirrikjedi wkoll tpoggija ta' window sills kemm fuq barra u fuq gewwa tat-twieqi. Ahna konna bdejna nahdmu fuq il-window sills ta' barra pero meta raw li ma konniex qed inlahhqu mal-produzzjoni u ma konniex*

*qed naghmlu xoghol kif ghidna li kellna naghmluh, u dan peress ukoll li l-magna kienet ghada ma waslitilniex, waqfuna milli nkomplu bix-xoghol u l-window sills minn naha ta' gewwa tawh lil haddiehor. Il-parti li tlifna minn dan it-tender kellha valur ta' Lm80,000."*

Gino Spiteri jikkonferma:

*"Peress li din il-magna baqghet ma gietx mill-Italja ghall-kuntratt ta' l-Isptar ta' Mater Dei kellna nahdmu bil-magna z-zghira li kellna. Minhabba f'hekk ma stajniex inlahhqu mal-ordni u dan peress li huma riedu mal-mitejn sol kuljum, pero' bil-magna z-zghira li kellna ma stajniex inlahhqu fuq dik il-produzzjoni."*

Prospett ipprezentat mill-istess George Spiteri (ara fol. 161) jiffissa figura ta' telf ta' qliegh fl-ammont ta' Lm21,000. Dawn il-provi ma gew kontradetti bl-ebda mod.

Fl-eccezzjonijiet tieghu Joseph Azzopardi jsostni li personalment ma kellu ebda relazzjoni guridika mal-atturi u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. F'dan il-kuntest, ghalkemm jirrizulta li fl-ordni originali ghall-magna, il-ftehim sar ghan-nom ta' Marmista Limited, l-involviment personali ta' Joseph Azzopardi mar konsistement oltre mir-rwol tieghu ta' rapprezentant tad-ditta Marmista Ltd. Kien hu personalment li hareg cheque tieghu f'ismu personali lis-socjetà Taljana, liema cheque, pero' irrizulta li ma setax jissarraf. Kien hu personalment li forna lill-atturi b'hekk imsejjha "ricevuti" li r-rapprezentanti tas-socjetà Taljana baqghu jsostnu li kienu foloz, allegazzjoni din li qatt ma giet

kontradetta jew michuda mill-konvenut. F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tqis li r-responsabbilità personali tieghu ma tistax tigi michuda.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba tal-atturi kif dedotta; tilqa’ t-tieni talba kif dedotta; tilqa’ t-tielet talba kif dedotta; tilqa’ r-raba’ talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ €48,930 ekwivalenti ghal Lm21,000; tilqa’ l-hames talba u tordna lill-konvenuti solidalment jirrifondu lill-atturi s-somma ta’ €118,650.59 ekwivalenti ghal Lm50,923. Ghalhekk il-konvenuti in solidum ghandhom ihallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta’ €167,580.59 bl-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn Joseph Azzopardi u Marmista Limited in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------